IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 21.4.2021
COM(2021) 195 final

2021/0101 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjonijiet li għandhom jittieħdu f'isem l-Unjoni Ewropea permezz ta' proċedura bil-miktub mill-Parteċipanti fl-Arranġament dwar il-Krediti ta' Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati u l-Parteċipanti fil-Ftehim Settorjali dwar il-Krediti ta' Esportazzjoni għall-Inġenji tal-Ajru Ċivili ("FSIA") fir-rigward tat-talbiet mir-Renju Unit biex isir Parteċipant fihom

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni permezz ta' proċedura bil-miktub mill-Parteċipanti fl-Arranġament għal Krediti ta' Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati ("l-Arranġament") u l-Parteċipanti għall-Ftehim Settorjali dwar il-Krediti ta' Esportazzjoni għall-Inġenji tal-Ajru Ċivili ("Ftehim Settorjali għall-Inġenji tal-Ajru" jew "FSIA") fir-rigward tat-talbiet mir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ("ir-Renju Unit") biex isir Parteċipant fl-Arranġament u fil-FSIA.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. L-Arranġament u l-Ftehim Settorjali għall-Inġenji tal-Ajru

L-Arranġament huwa ftehim informali li għandu l-għan li jipprovdi qafas għall-użu ordnat ta' krediti għall-esportazzjoni uffiċjalment appoġġati. Fil-prattika, dan ifisser li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ekwi (li permezz tagħhom il-kompetizzjoni tkun ibbażata fuq il-prezz u l-kwalità tal-prodotti u s-servizzi esportati u mhux fuq it-termini finanzjarji offerti) u fl-istess ħin issir ħidma biex jiġu eliminati s-sussidji u d-distorsjonijiet kummerċjali relatati ma' krediti għall-esportazzjoni uffiċjalment appoġġati ("appoġġ uffiċjali"). L-Arranġament daħal fis-seħħ f'April 1978 u huwa għal żmien indeterminat.

Il-Ftehim Settorjali għall-Inġenji tal-Ajru jifforma parti mill-Anness III tal-Arranġament u għandu l-għan li jipprovdi qafas għall-użu prevedibbli, konsistenti u trasparenti tal-krediti ta' esportazzjoni uffiċjalment appoġġati għall-bejgħ jew il-lokazzjoni ta' inġenji tal-ajru u prodotti u servizzi relatati oħrajn speċifikati fl-Artikolu 4(a) tal-FSIA. Għalhekk, il-FSIA ifittex ukoll li jrawwem kundizzjonijiet ekwi għall-esportazzjonijiet fis-settur tal-inġenji tal-ajru u l-eliminazzjoni tas-sussidji u d-distorsjonijiet kummerċjali relatati mal-appoġġ uffiċjali. Il-Ftehim Settorjali għall-Inġenji tal-Ajru daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2011.

L-Arranġament, inkluż il-Ftehim Settorjali għall-Inġenji tal-Ajru, huwa amministrattivament inkorporat fl-OECD, u jirċievi appoġġ mis-Segretarjat tal-Kreditu tal-OECD. Madankollu, la l-Arranġament u lanqas il-Ftehim Settorjali għall-Inġenji tal-Ajru ma huma Atti tal-OECD[1].

L-Unjoni Ewropea – u mhux l-Istati Membri – hija Parteċipant fl-Arranġament u fil-Ftehim Settorjali għall-Inġenji tal-Ajru u t-tnejn li huma ġew trasposti fl-acquis communautaire bis-saħħa tar-Regolament (UE) Nru 1233/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011[2]. Għaldaqstant l-Arranġament u l-Ftehim Settorjali għall-Inġenji tal-Ajru huma legalment vinkolanti bis-saħħa tad-dritt tal-Unjoni.

2.2. Il-Parteċipanti fl-Arranġament u l-Parteċipanti fil-FSIA

Bħalissa hemm għaxar Parteċipanti fil-Ftehim Settorjali għall-Inġenji tal-Ajru ("il-Parteċipanti fil-FSIA"): l-Awstralja, il-Kanada, l-Unjoni Ewropea, il-Ġappun, il-Korea, in-New Zealand, in-Norveġja, l-Iżvizzera, it-Turkija u l-Istati Uniti.

Il-Ftehim Settorjali għall-Inġenji tal-Ajru għandu għaxar Parteċipanti ("Parteċipanti tal-FSIA") u l-parteċipazzjoni fil-FSIA hija fil-biċċa l-kbira l-istess bħal fl-Arranġament. L-uniċi differenzi huma li l-Brażil huwa Parteċipant fil-FSIA (iżda mhux Parteċipant fl-

[1] Kif definit fl-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni tal-OECD.

[2] Ir-Regolament (UE) Nru 1233/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti linji gwida fil-qasam tal-krediti ta' esportazzjoni uffiċjalment appoġġati u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2001/76/KE u 2001/77/KE (ĠU L 326, 8.12.2011, p. 45).

Arranġament), filwaqt li t-Turkija ma tipparteċipax fil-FSIA (għalkemm hija Parteċipant fl-Arranġament).

Kemm il-Parteċipanti fil-Ftehim kif ukoll dawk fil-FSIA jieħdu deċiżjonijiet dwar modifiki fl-Arranġament, jew fil-FSIA, b'kunsens.

F'konformità mal-Artikolu 3 tal-Arranġament, Membri oħra tal-OECD u dawk li mhumiex membri jistgħu jiġu mistiedna mill-Parteċipanti attwali biex isiru Parteċipanti. Min mhuwiex Parteċipant jista' jsir Parteċipant fil-FSIA skont il-proċeduri stabbiliti fl-Appendiċi I tal-FSIA.

Il-Kummissjoni Ewropea tirrappreżenta lill-Unjoni fil-laqgħat tal-Parteċipanti fl-Arranġament u fil-FSIA, kif ukoll fil-proċeduri bil-miktub għat-teħid ta' deċiżjonijiet mill-Parteċipanti fl-Arranġament u fil-FSIA.

2.3. L-att previst tal-Parteċipanti fl-Arranġament u l-Parteċipanti fil-FSIA

L-att previst ikun li r-Renju Unit jingħata l-i*status* ta' Parteċipant fl-Arranġament u fil-FSIA, wara li r-Renju Unit jitlob biex isir Parteċipant kemm fl-Arranġament kif ukoll fil-FSIA.

Bħala riżultat tal-ħruġ mill-UE, ir-Renju Unit ma għadux rappreżentat fl-Arranġament u fil-FSIA. F'ittra tat-28 ta' Jannar 2021, ir-Renju Unit talab li l-Parteċipanti rilevanti jaqblu formalment li r-Renju Unit isir Parteċipant fiż-żewġ strumenti. Il-President tal-Arranġament u l-Parteċipanti fil-FSIA ċċirkolaw it-talbiet tar-Renju Unit fid-29 ta' Jannar u stabbilew skadenza tal-31 ta' Marzu 2021 biex il-Parteċipanti eżistenti jwieġbu formalment. Fil-messaġġ tal-President tal-11 ta' Frar 2021, l-iskadenza ġiet estiża sal-aħħar ta' Mejju 2021.

Il-konferma tal-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fl-Arranġament u fil-FSIA tkun teħtieġ modifika fl-Artikolu 3 tal-Arranġament u fl-Artikolu 3 tal-FSIA, jiġifieri d-dispożizzjonijiet li jelenkaw il-Parteċipanti rilevanti.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, huwa xieraq li l-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita minn ftehim, minħabba li d-deċiżjoni se tkun vinkolanti fuq l-Unjoni u se taffettwa d-dritt tal-Unjoni, permezz tal-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 1233/2011, li jistipula li "Il-linji gwida li jinsabu fl-Arranġament dwar Krediti ta' Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati ("l-Arranġament") għandhom japplikaw fl-Unjoni. It-test tal-Arranġament huwa anness ma' dan ir-Regolament."

3. IL-POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

L-atti previsti jkunu jippermettu lir-Renju Unit isir Parteċipant fl-Arranġament u Parteċipant fil-FSIA.

Il-messaġġ tal-President tad-29 ta' Jannar 2021 jgħid: "Ir-Renju Unit kien wieħed mill-pajjiżi oriġinali involuti fl-istabbiliment ta' dixxiplini finanzjarji għal krediti ta' esportazzjoni uffiċjalment appoġġati fis-snin '70 u, minn dak iż-żmien 'l hawn, kien fornitur sinifikanti kemm ta' krediti standard għall-esportazzjoni kif ukoll ta' krediti għall-esportazzjoni għall-inġenji tal-ajru. Huwa wkoll Membru attiv tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni u l-Garanziji ta' Kreditu. B'riżultat ta' dan, ikun loġiku u ta' benefiċċju reċiproku jekk ir-Renju Unit ikompli jkun Parteċipant. Nittama, għalhekk, li l-Parteċipanti jagħtu l-appoġġ tagħhom għal din it-talba." Tabilħaqq, huwa mistenni li l-Parteċipanti kollha fl-Arranġament u l-Parteċipanti fil-FSIA jappoġġaw it-talbiet tar-Renju Unit.

Huwa fl-interess tal-Unjoni li r-Renju Unit jipparteċipa kemm fl-Arranġament kif ukoll fil-FSIA. Iż-żewġ strumenti jipprovdu qafas għall-użu ordnat u trasparenti ta' krediti ta' esportazzjoni uffiċjalment appoġġati fl-oqsma ta' applikazzjoni rispettivi tagħhom u jfittxu li jrawmu kundizzjonijiet ekwi għall-krediti ta' esportazzjoni uffiċjalment appoġġati. Matul dawn l-aħħar

snin, ir-Renju Unit sar dejjem aktar attiv fl-appoġġ uffiċjali. Fl-2018, il-Finanzjament tal-Esportazzjoni tar-Renju Unit ("UKEF", id-dipartiment tal-appoġġ għall-kreditu għall-esportazzjoni tal-gvern tar-Renju Unit) ipprovda inqas minn EUR 2 biljun ta' appoġġ uffiċjali. Fl-2019, diġà kien diġà madwar EUR 5,5 biljun. Bħala Parteċipant fl-Arranġament u fil-Ftehim Settorjali għall-Inġenji tal-Ajru, ir-Renju Unit ikollu jsegwi r-regoli tagħhom.

Barra minn hekk, fir-rigward tal-Ftehim Settorjali għall-Inġenji tal-Ajru speċifikament, huwa importanti li wieħed iżomm f'moħħu s-sehem li għad għandu r-Renju Unit fl-Airbus. Ir-regolament uffiċjali dwar il-krediti għall-esportazzjoni fis-settur tal-manifattura tal-inġenji tal-ajru għalhekk huwa relatat ma' interess komuni tal-Istati Membri tal-UE u tar-Renju Unit.

Meta jitqies li l-għan tad-deċiżjoni prevista huwa li jiġu ggarantiti kundizzjonijiet ekwi għall-industrija tal-esportazzjoni tal-UE kif ukoll li jittieħed kont dovut tal-allinjament tal-interessi ekonomiċi speċifiċi bejn l-UE u r-Renju Unit fis-settur tal-manifattura tal-inġenji tal-ajru, jenħtieġ li l-pożizzjonijiet li jittieħdu f'isem l-Unjoni jkunu favur li r-Renju Unit isir Parteċipant fl-Arranġament u fil-Ftehim Settorjali għall-Inġenji tal-Ajru.

4. BAŻI ĠURIDIKA

3.1. Bażi ġuridika proċedurali

3.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu "l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim."

Il-kunċett ta' "atti li jkollhom effetti legali" jinkludi atti li għandhom effetti legali bis-saħħa ta' regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw is-sede inkwistjoni. Dan jinkludi strumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li "jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatura tal-Unjoni"[3].

3.1.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

Iż-żewġ atti, li l-Parteċipanti fl-Arranġament u l-Parteċipanti fil-FSIA huma mitluba jadottaw (jiġifieri li jiddeċiedu dwar it-talbiet tar-Renju Unit biex isir Parteċipant fl-Arranġament u fil-FSIA), jikkostitwixxu atti li għandhom effetti legali. L-atti previsti għandhom effetti legali bis-saħħa tal-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 1233/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti linji gwida fil-qasam tal-krediti ta' esportazzjoni uffiċjalment appoġġati u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2001/76/KE u 2001/77/KE, li jistipula li "Il-linji gwida li jinsabu fl-Arranġament dwar Krediti ta' Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati ("l-Arranġament") għandhom japplikaw fl-Unjoni. It-test tal-Arranġament huwa anness ma' dan ir-Regolament."

Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) TFUE.

3.2. Bażi ġuridika sostantiva

3.2.1. Prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE tiddependi primarjament mill-objettiv u mill-kontenut tal-att previst li fir-rigward tiegħu tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni.

[3] Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-punti minn 61 sa 64.

3.2.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

L-objettiv u l-kontenut ewlenin tal-atti previsti huma relatati mal-politika kummerċjali komuni. Għaldaqstant, il-bażi ġuridika sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 207.

3.3. Konklużjoni

Jenħtieġ li l-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta tkun l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9).

5. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST

Billi l-atti tal-Parteċipanti fl-Arranġament u l-Parteċipanti fil-FSIA se jemendaw l-Arranġament u l-Ftehim Settorjali għall-Inġenji tal-Ajru, huwa xieraq li jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* wara li jiġu aċċettati.

2021/0101 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjonijiet li għandhom jittieħdu f'isem l-Unjoni Ewropea permezz ta' proċedura bil-miktub mill-Parteċipanti fl-Arranġament dwar il-Krediti ta' Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati u l-Parteċipanti fil-Ftehim Settorjali dwar il-Krediti ta' Esportazzjoni għall-Inġenji tal-Ajru Ċivili ("FSIA") fir-rigward tat-talbiet mir-Renju Unit biex isir Parteċipant fihom

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-linji gwida li jinsabu fl-Arranġament dwar il-Krediti ta' Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati ("l-Arranġament") ġew trasposti, u għalhekk saru legalment vinkolanti fl-Unjoni permezz tar-Regolament (UE) Nru 1233/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4]. [5]

(2) Il-Parteċipanti fl-Arranġament bħalissa huma: l-Awstralja, il-Kanada, l-Unjoni Ewropea, il-Ġappun, il-Korea, in-New Zealand, in-Norveġja, l-Iżvizzera, it-Turkija u l-Istati Uniti.

(3) Il-Ftehim Settorjali dwar il-Krediti ta' Esportazzjoni għall-Inġenji tal-Ajru Ċivili ("Ftehim Settorjali għall-Inġenji tal-Ajru" jew "FSIA") jikkostitwixxi l-Anness III tal-Arranġament u f'konformità mal-Artikolu 2 tal-FSIA jifforma parti integrali mill-Arranġament. Bħala tali, il-FSIA ġie traspost ukoll, u sar legalment vinkolanti fl-UE bis-saħħa tar-Regolament (UE) Nru 1233/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6]. [7]

(4) Il-Parteċipanti fil-FSIA huma l-Awstralja, il-Brażil, il-Kanada, l-Unjoni Ewropea, il-Ġappun, il-Korea, in-New Zealand, in-Norveġja, l-Iżvizzera u l-Istati Uniti.

(5) Kemm l-Arranġament kif ukoll il-Ftehim Settorjali għall-Inġenji tal-Ajru jipprovdu qafas għall-użu ordnat u trasparenti ta' krediti ta' esportazzjoni uffiċjalment appoġġati fl-oqsma ta' applikazzjoni rispettivi tagħhom. Huma jfittxu li jrawmu kundizzjonijiet ekwi għal krediti ta' esportazzjoni uffiċjalment appoġġati, sabiex jinkoraġġixxu l-

---

4 Ir-Regolament (UE) Nru 1233/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti linji gwida fil-qasam tal-krediti ta' esportazzjoni uffiċjalment appoġġati u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2001/76/KE u 2001/77/KE (ĠU L 326, 8.12.2011, p. 45).

5 Fil-passat, verżjonijiet preċedenti tal-Arranġament tal-OECD ġew trasposti fid-dritt tal-UE permezz ta' Deċiżjonijiet tal-Kunsill.

6 Ir-Regolament (UE) Nru 1233/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti linji gwida fil-qasam tal-krediti ta' esportazzjoni uffiċjalment appoġġati u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2001/76/KE u 2001/77/KE (ĠU L 326, 8.12.2011, p. 45).

7 Fil-passat, verżjonijiet preċedenti tal-Arranġament tal-OECD ġew trasposti fid-dritt tal-UE permezz ta' Deċiżjonijiet tal-Kunsill.

kompetizzjoni fost l-esportaturi abbażi tal-kwalità u l-prezz tal-prodotti u s-servizzi esportati aktar milli fuq termini u kundizzjonijiet finanzjarji uffiċjalment appoġġati li huma l-aktar favorevoli.

(6) Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ("ir-Renju Unit") ħareġ mill-Unjoni b'effett mill-31 ta' Jannar 2020. [8]

(7) F'konformità mal-Artikolu 3 tal-Arranġament, Membri oħra tal-OECD u dawk li mhumiex membri jistgħu jiġu mistiedna mill-Parteċipanti attwali biex isiru Parteċipanti. Min mhux Parteċipant fil-FSIA jista' jsir Parteċipant fil-FSIA skont il-proċeduri stabbiliti fl-Appendiċi I tal-FSIA.

(8) F'ittra tat-28 ta' Jannar 2021, ir-Renju Unit talab li l-Parteċipanti fl-Arranġament u l-Parteċipanti fil-Ftehim Settorjali għall-Inġenji tal-Ajru jaqblu li r-Renju Unit isir Parteċipant fl-Arranġament u fil-Ftehim Settorjali għall-Inġenji tal-Ajru, rispettivament. Il-Parteċipanti fl-Arranġament u l-Parteċipanti fil-FSIA għandhom jiddeċiedu permezz ta' proċedura bil-miktub dwar dawn it-talbiet.

(9) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni mill-Parteċipanti fl-Arranġament, kif ukoll il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni mill-Parteċipanti fil-Ftehim Settorjali għall-Inġenji tal-Ajru, peress li d-deċiżjonijiet tal-Parteċipanti fl-Arranġament u tal-Parteċipanti fil-FSIA se jkunu vinkolanti fuq l-Unjoni bis-saħħa tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1233/2011,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-proċedura bil-miktub mill-Parteċipanti fl-Arranġament dwar il-Krediti ta' Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati fir-rigward tat-talba mir-Renju Unit biex isir Parteċipant fl-Arranġament hija li din it-talba tiġi appoġġata.

Artikolu 1a

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-proċedura bil-miktub mill-Parteċipanti fil-Ftehim Settorjali dwar il-Krediti ta' Esportazzjoni għall-Inġenji tal-Ajru Ċivili fir-rigward tat-talba mir-Renju Unit biex isir Parteċipant f'dan il-Ftehim Settorjali hija li din it-talba tiġi appoġġata.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

[8] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/135 tat-30 ta' Jannar 2020 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU L 29, 31.1.2020, p. 1).